kummissjoni djoċesana żgħażagħ

# Stqarrija Għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 29/01/09 |
| **Ref:** | KDŻ 03/09 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## L-Evanġelizzazzjoni maż-żgħażagħ 16+
## *Follow-up tal-Assemblea*

Nhar is-Sibt 24 ta' Jannar, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) organizzat it-Tielet Assemblea Ġenerali b'lenti fuq il-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fejn it-tema prinċipali kienet l-evanġelizzazzjoni maż-żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq: Sfida, opportunità u proposta. L-għan ta' din l-assemblea kien li ġġib flimkien persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ biex niddiskutu flimkien kif tista' ssir ħidma aktar aktar effettiva maż- żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq.

Fr. Savio Vella sdb, id-delegat tal-Arċisqof għall-Adolexenti u ż- żgħażagħ tkellem fuq il-ħidma preliminari li saret mill-KDŻ ta' Malta, il-KDŻ ta' Għawdex u l-Kummissjoni Kateketika fil-formulazzjoni ta' dokument li ġie ppreżentat matul l-Assemblea. Hu qal li l-għan ta' din l-assemblea kien li tippreżenta dan id-dokument u tħeġġeġ lil kull min hu interessat li jagħti l-opinjoni tiegħu fuq kif jista' jiġi żviluppat.

L-ewwel kelliem prinċipali kien Fr. Rene' Camilleri li ta ħarsa kritika lejn is-sitwazzjoni tal-evanġelizzazzjoni fil-Knisja f'Malta llum. Hu tkellem fuq il-bżonn ta' ħidma pastorali li tkun addattata għaż-żminijiet tal-lum biex ma nirriskjawx li nitfgħu inbid ġdid f'damiġġani qodma. Fost affarijiet oħra hu tkellem fuq ir-realtà żagħżugħa bħala realtà li tinkludi ħafna kategoriji ta' żgħażagħ u ma jistax ikollna pastorali ta' *one size fits all.* Id-diskors tiegħu kien bla dubju wieħed li ta' sfida għal dawk kollha preżenti. Fr. Rene' tkellem ukoll fuq kif id-dokument/linji-gwida mfassla għandhom jagħtu kas tar-realtà komplessa tas-soċjetà tal-lum biex ikun wieħed relevanti u li tassew jaqdi l-bżonnijiet taż-żgħażagħ.

It-tieni kelliem kien Fr. Emanuel Magro li spjega fuq liema mudelli jista' wieħed jibni il-formazzjoni nisranija maż-żgħażagħ. Hu tkellem l-aktar fuq l-RCIA li hu r-*Rite of Chritisan Initiation of Adults* (il-mixja ta' fidi li jagħmlu l-adulti li jixtiequ

jitgħammdu). Minnu, Fr. Emanuel ħareġ xi prinċipji ġenerali li jistgħu ikunu ta' għajnuna għall-formazzjoni nisranija maż-żgħażagħ. Hu saħaq li dan ma jfissirx li hemm struttura riġida li torbot lil dak li jkun iżda prinċipji li kull grupp jista' jaddatta għall-bżonnijiet taż-żgħażagħ tiegħu.

It-tielet u l-aħħar kelliem kien Fr. Carl-Mario Sultana li ta ħarsa lejn l-element prattiku tad-dokument li ġie ippreżentat. Hu qal li l-għan prinċipali li jixtieq jintlaħaq hu dak tal-*peer evangelization* – jiġifieri kif żgħażagħ iffurmati jistgħu ikunu appostli u evanġelizzaturi ma' sħabhom. Hu tkellem kif din l-evanġelizzazzjoni tista' ssir kemm fuq livell ta' djoċesi, kemm fuq livell ta' parroċċa/unità u kemm fuq livell ta' gruppi, għaqdiet u movimenti. Hu semma t-tema magħżula minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona għat-tliet snin li ġejjin u anke t-temi magħżula mill-Papa Benedittu XVI għat-tliet snin li ġejjin – temi li jwasslu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji taż-żgħażagħ 2011 li ser isir f'Madrid, Spanja. Dawn it-temi jipprovdu struttura li tagħti ħafna spazju għall-flessibilità u l-adattament.

L-Assemblea kienet tappa oħra fil-mixja ta' dan il-proġett u bħala *follow-up* għaliha, il-KDŻ qed tistieden lil dawk kollha li jixtiequ jikkontribwixxu sabiex iniżżlu d-dokument minn www.kdz.org.mt u kif ukoll jipparteċipaw fil-*focus groups* li ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin. Id-dettalji tal-*focus groups* huma dawn:

Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-gruppi/movimenti: 28 ta' Frar 2009
Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-iskejjel post-sekondarji: 14 ta' Marzu 2009
Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-parroċċi: 21 ta' Marzu 2009
Għal dawk li jaħdmu fl-ambjent tal-ordnijiet reliġjużi: 28 ta' Marzu 2009

Ir-reġistrazzjoni għal dawn il-*focus groups* tista' ssir billi ċċemplulna fuq 21484506 jew tibagħtu email fuq info@kdz.org.mt. Dawn il-*focus groups* ser isiru fl-uffiċini tal-KDŻ u l-ħin hu bejn id-09.00 u 12.00pm. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jidħol fis-sit www.kdz.org.mt.

TMIEM■■■■